

# Il-15 t'Awwissu u l-Assunta madwar id-dinja

Steven Camilleri



Il-ħmistax t'Awwissu, jum l-Assunta... il-ġurnata tal-Mara l-Kbira kif kien isejħilha Stiefnu, l-ewwel Re tal-Ungerija. Dan il-jum mhuwiex biss l-akbar jum tal-Madonna imma din il-festa hija l-eqdem fost il-festi kollha li l-fidi Kattolika tiċċelebra avolja kien biss fis-sena 1950 li l-Papa ddefiniha bħala dogma ta' fidi. Santu Wistin jgħid, waqt li jitkellem fuq it-tlugħ ta' Marija bir-ruħ u l-ġisem bħala teorija aċċettata: kif jista' jkun li l-ġenna ma tiħux 'il dik li ġabet il-ħajja lill-umanità? Fil-knisja kuġina tagħna, dik Ortodossa, din il-festa hija meqjusa bħala jum ir-raqda tal-imbierka omm Alla.

Il-festa bdiet tiġi iċċelebrata wara li r-raba' Kunsill Ekumenikali li kien sar f'Chalcedon, illum parti mit-Turkija, fis-sena 451 W.K. iddeċieda li t-tlugħ ta' Marija fis-sema jiġi ċċelebrat bħala festa. Id-data tal-15 t'Awwissu kienet ikkonfermata x'aktarx fis-sena 700 W.K.

Illum il-ġurnata, pajjiżi Kattoliċi u partijiet minn pajjiżi Kattoliċi għadhom iqisu dan il-jum bħala festa pubblika. Pajjiżi fin-naħa t'isfel tal-Amerika u Ewropej għadhom jiċċelebraw din il-festa bil-kbir. F'pajjiżi oħra, komunitajiet u partijiet biss għadhom jiċċelebraw dan il-jum.

Fil-knejjes Ortodossi tal-Lvant li jimxu mal-kalendarju Ġuljan, il-festa tal-Assunta tiġi ċċelebrata fit-28 t'Awwissu. Is-solennità tal-Assunta fil-15 t'Awwissu hija btala pubblika f'ħafna pajjiżi

Fin-naħa t'isfel ta' Franza ukoll jiċċelebraw bil-kbir din il-festa, bliet bħal Marseille għadhom jiċċelebraw din il-ġurnata b'pompa kbira.

Fil-Gwatemala, il-festa hija osservata fil-belt tal-Gwatemala u dik ta' Santa Maria Nebaj, li t-tnejn iqisuha bħala l-patruna tagħhom.

F'Costa Rica, din il-ġurnata hija abbinata wkoll ma' Jum l-Omm. F'ħafna postijiet, dan il-jum jiġi ċċelebrat permezz ta' purċissjonijiet reliġjużi u festi popolari.

Fil-Kanada, Jum l-Assunta huwa l-festa nazzjonali tal-Akkadjani, li tagħhom hi wkoll patruna. F'din il-ġurnata, fiż-żoni frankofoniċi ta' New Brunswick fil-Kanada, ħafna mill-ħwienet ikunu magħluqin.

Fit-tradizzjoni Armena, kull sena fit-12 t'Awwissu tiġi osservata d-drawwa kulturali tat-tberik tal-għeneb, bħala kommemorazzjoni tal-festa tar-Raqda tat-Theotokos.

L-isem Taljan li bih magħrufa l-festa llum, 'Ferragosto', jista' jkun li ġej mill-isem bil-Latin 'Feriae Augusti' (festi tal-imperatur Awgustu), għaliex ix-xahar t'Awwissu ħa ismu mill-imperatur. Is-solennità tal-Assunta fil-15 t'Awwissu ilha ċċelebrata fil-Knisja tal-Lvant mis-sitt seklu. Il-Knisja Kattolika addottat din il-ġurnata bħala festa tal-preċett bl-obbligu tal-quddies biex tikkommemora l-Assunzjoni tal-Verġni Marija, it-tlugħ tal-ġisem u r-ruħ bla tebgħa tagħha fis-sema. Ta min issemmi wkoll il-'Palio di Siena', tiġrija famuża fuq iż-żwiemet madwar il-pjazza ta' Siena.

F'Sevilja ħafna Kattoliċi jisimgħu l-quddies kif ukoll jieħdu sehem fil-purċissjonijiet li huma meqjusa importanti ħafna filwaqt li huma ta' unur għal min jipparteċipa fihom. Il-purċissjonijiet jgħaddu minn ġol-belt, partikolarment madwar il-katidral, b'mijiet ta' spettaturi fit-toroq jistennewhom jgħaddu biex ikunu jistgħu jaraw l-istatwi impressjonanti u l-parteċipanti bi lbies tradizzjonali. Statwi tal-Madonna jinġarru fil-għoli fuq karrijiet imżejna bir-reqqa, miksija bil-fjuri u f'xi każi bix-xemgħat ukoll. Dawn jinġarru bil-galbu fuq rotta li tkun miftiehma minn qabel, akkumpanjati mill-baned u mill-parteċipanti libsinil-libsa tradizzjonali b'wiċċhom mgħotti.

Il-Madonna mtellgħa s-sema hija wkoll il-patruna tal-Gżejjer Maltin u l-festa tagħha fil-15 t'Awwissu, apparti milli hija festa pubblika tkun iċċelebrata b'solennità kbira fil-knejjes kollha lokali, speċjalment fis-seba' lokalitajiet magħrufa bħala s-seba' Santa Marijiet.

Wieħed jispera li pajjiżna jibqa' jipproteġi dawn il-festi Kattoliċi f'dinja li aktar ma jgħaddi ż-żmien iktar qiegħda titbiegħed mill-kultura Latina u Kattolika u tersaq lejn is-sekularità.